MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Numru 594/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**Jeffrey Cassar, ta' 28 sena, bin Emanuel u Natalie nee Bugeja, imwieled Pieta, Malta fil-24 ta' Mejju 1984 u li joqghod f'58, Pandora, Triq il-Bufula l-Hamra, Mosta, ID Card No. 258584M, prezentament residenti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli, f'dawn il-gzejjer, fix-xahar ta' April, 2012, b'diversi atti magmula minnu li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Bil hsieb li jwettaq frodi, b'eghmil qarrieqi, wera dan il-hsieb b'atti esterni, u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' frodi

b’eghmil qarrieqi billi b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi werea haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jw setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji jew sabiex inqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, biex jaghmel qliegh ghalih jew ghal persuna ohra , ta’ aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ Invicta Ltd u/jew Mary Vella (€6,698.20), u dan billi ghamel uzu minn cheque book tal-imsemmija Mary Vella, minghajr permess u xtara diversi ghodod permezz tieghu, u b’hekk ghamel qligh ghalih jew ghal haddiehor.

2. U aktar talli, fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligii foloz jew helsien minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawn l-atti jew kdritturi wara li gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fiha jew kellhom jippruvaw, billi falsametn iffirma f’isem Mary Vella fuq cekkijiet taghha.

3. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza, billi halls lill-kumpanija Invicta Ltd., permezz ta’ dawn ic-cekkijiet.

4. U b’hekk irrenda ruhu recidiv ai terminu tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula u

kiser Ordni ta' Probation, meta wettaq reat fi zmien il-perjodu ta' tlett snin minn sentenza tal-probation moghtija fil-25 ta' Novembru, 2011, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Neville Camilleri LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat izda l-Qorti ma tistax tinjora l-fedina penali tal-imputat u l-fatt illi huwa recidiv.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 18, 183, 184, 286, 308, 310 (a), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 261(b)(f)(g), 263, 270, 271 i 278(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta  issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda u tikkundannah ghal piena ta' sentejn prigunerija.

Il-Qorti tordna lill-imputat sabiex bl-assistenza tal-ufficjali tal-pulizija jirritorna l-oggetti kollha mehuda indebitament lil rapprezentant tal-Invicta Limited.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------